MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2003

Avvi$Z Numru. 887/2001/1

*Avviz numru 887/01DM*

*KPMG*

*Vs*

*Leisure Clothing Limited*

***Il-Qorti,***

*Rat l-avviz permezz ta’ liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenuti sabiex ihallsu s-somma ta’ Lm1,735.34 (elf seba’ mija hamsa u tletin lira u erbghin u tletin centezmu), dovuti in konnessjoni ma’ servizzi professjonali rezi, kif jidher mill-istatement anness mall-avviz bhala dokument “A”.*

*Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra s-socjeta konvenuta li sa minn issa giet ingunta ghas-subizzjoni.*

*Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta Leisure Clothing Limited fejn eccepiet illi:*

*1 Fl-ewwel lok il-preskrizzjoni ai termini ta' l-Artikolu 2149 ( C) tal-Kodici Civili;*
*2 Inoltre it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fil-ligi billi l-eccipjenti ma ghandhiex taghti l-ammont pretiz;*
*3 Bla pregudizzju ghas-sueccepit, l-ammont pretiz mhuwiex dovut jew mhuwiex dovut kollu u huwa f'kull kaz eccessiv billi l-atturi qed jippretendu hlas li qatt ma kien miftiehm jew accettat u hlas ghal xoghol jew servizzi li qatt ma sar jew inghataw;*
*4 F'kull kaz u bla pregudizzju, l-eccipjenti kienet baghtet il-hlas tal-ammont kollu dovut minnha.*

*Semghet ix-xhieda bil-gurament;*

*Rat id-dokumenti esibiti;*

*Rat l-atti kollha tal-process; u*

*Ikkunsidrat:-*

*Bl-ewwel eccezzjoni taghhom il-konvenut qed jopponu ghat-talba attrici l-preskrizzjoni ta sentejn a tenur tal-Artikolu 2149 (c) tal-Kodici Civili.*

*Mill-provi prodotti mill-atturi, senjatament id-deposizzjoni ta Joe Camilleri Bowman u d-dokumenti minnhu esibiti, jirrizulta illi l-prestazzjonijiet li taghhom id-ditta attrici qed tippretendi l-hlas kienu gew moghtija sat-30 ta Settembru 1998 u huma dettaljatament deskritti fl-invoices relativi esibiti minn Dok JCB1 sa JCB6 (fol. 19 sa 24).*

*L-istess xhud isosstni, u f'dan ma giex ikkontestat, illi l-konvenuti matul il-perijodu kollhu li kienu jinghataw s-servizz ta audit u accountancy ma kienux ihallsu l-invoices partikolari li kienu jkunu spediti, izda kienu jghamlu pagament akkont sporadikament, evidentement akkont*

*tal-bilanc li kien ikun dovut u kienu l-atturi stess li kienu jutilizzaw il-pagamenti biex jissaldaw l-invoices anterjuri.*

*Dan jirrizulta car mill-istatement Dok JCB7 esibit a fol. 25 tal-process fejn jirrizulta li l-konvenut kienu ghamlu l-ahhar pagament akkont fil-25 ta Gunju 1999, ghalhekk wara li kienu digia rcievew l-invoices in kwistjoni.*

*Dan il-pagament akkont bla riservi, apparati li jimplika ukoll accettazzjoni tal-bilanc mitlub, jservi ukoll bhala interuzzjoni tal-perijodu ta preskrizzjoni li ghalhekk irid jigi kkalkolat mill-imsemmija data tal-25 ta Gunju 1999 u konsegwentement jghalaq fl-24 ta Gunju 2001.*

*L-atturi jsosstnu li huma nterrompew il-perjodu preskrittiv b'ittra ufficjali tal-25 ta Mejju 2001 notifikata ukoll entro t-terminu ta sentejn fil-31 ta Mejju 2001 skond il-kopja informi esibita a folji 26 u 27 ikkonfermat bil-gurament minn Joe Camilleri Bowman.*

*Ghalkemm ma gietx esibita kopja ufficjali tal-att gudizzjarju, il-konvenuti ma kkontestawx tali notifika li tirrizulta ukoll ikkorroborata mill-ittra minnhom spedita lill-atturi fis-6 ta Lulju 2001 fejn offrew hlas ta LM1147.59 ghas-saldu u ghalkemm ic-cheque relattiv gie indirizzat lil-kumpanija separata mid-ditta attrici ghalkemm konnessa, dan kien intiz ukoll biex jissodisfa anke l-pretenzjoni attrici.*

*Din l-offerta wahedha li timplika r-rikonoxximent ta xi ammont ta dejn hija ukoll sufficjenti biex telimina il-preskrizzjoni.*

*Ghal dawn il-motivi tirrespingi l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti.*

*Ghal dak li jirrigwarda l-eccezzjonijiet l-ohra fil-meritu, kif digia ntqal, il-pagamenti akkont bla riservi li ghamlu l-konvenuti anke wara li gew interpellati ghall-hlas, huma bizzejjed biex jimplikaw accettazzjoni tal-invoices in kwistjoni u l-konvenuti illum ma jistghux jilmentaw dwar ir-rati applikati u prestazzjonijiet imposti meta, digia'*

*infurmati bihom, ghamlu pagamenti akkont tal-bilanc minghajr ebda ilment.*

*Ghaldaqstant tirrespingi ukoll l-eccezzjonijiet tal-konvenuti fil-meritu, konsegwentement tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti li jhallsu lid-ditta attrici somma mitluba ta LM1735.34 ghar-ragunijiet indikati fl-avviz.*

*Bl-imghax legali mill-25 ta' Mejju 2001.*

*Bl-ispejjes kontra l-konvenuti.*

--------------------------------TMIEM--------------------------------